

Il-Ġurnal Uffiċjali C 213

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 59

14 ta' Ġunju 2016

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2016/C 213/01

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar ir-rwol tas-settur taż-żgħażaġh f'approċċ integrat u transsettorjali biex tiġi evitata u miġġielda r-radikalizzazzjoni vjolenti taż-żgħażaġh

1

MT

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar ir-rwol tas-settur taż-żgħażaġħ f'approċċ integrat u transsettorjali biex tiġi evitata u miġġielda r-radikalizzazzjoni vjolenti taż-żgħażaġħ

(2016/C 213/01)

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI

FILWAQT LI JFAKKRU:

1. L-isfond politiku għal din il-kwistjoni kif jinsab fl-Anness għal dawn il-konklużjonijiet.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:

2. Iż-żgħażaġħ, il-valuri u l-attitudnijiet, kif ukoll il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom jirrappreżentaw potenzjal kbir għas-soċjetajiet tagħna. Bidliet kostanti u sfidi soċjetali u ekonomiċi jagħmlu l-kondiviżjoni tal-valuri demokratiċi, l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġħ u ċ-ċittadinanza attiva saħansitra aktar importanti.
3. L-attakki terroristiċi reċenti fil-Belġju, Franza u d-Danimarka, u atroċitajiet simili fl-Ewropa fil-passat, kif ukoll iż-żieda tal-inċidenti ta' reati ta' mibegħda u inċitament għall-mibegħda⁽¹⁾, propaganda u ksenofobija vjolenti fl-Ewropa, juru l-ħtieġa urġenti għal kontributi mis-setturi kollha fis-soċjetà, inkluż is-settur taż-żgħażaġħ biex tiġi miġġielda r-radikalizzazzjoni vjolenti⁽²⁾, tinżamm l-istabbiltà soċjali u ambjent pożittiv u sigur fejn wieħed jista' jikkber.
4. Filwaqt li r-radikalizzazzjoni vjolenti teħtieġ li tiġi kkonfrontata u indirizzata minn diversi lati, huwa ta' importanza kruċjali li t-theddida u l-perikli li ġgħib magħha għaż-żgħażaġħ ikunu rikonoxxuti, evitati u tittieħed azzjoni fuqhom minn miżuri ta' intervent bikrija u effettivi, b'rispett għad-diversità kulturali taż-żgħażaġħ.
5. Il-proċess ta' żvilupp ta' identità jista' jiġi influwenzat minn bosta fatturi bħall-kuntest tal-familja b'bosta problemi, il-ħbieb, l-Internet u l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, l-ambjent politiku u l-pożizzjoni ta' gruppi ta' żgħażaġħ fis-soċjetà li ta' spiss iħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni, umiljazzjoni, esklużjoni, inġustizzja, nuqqas ta' prospettivi, sens ta' frustrazzjoni, li jistgħu jwasslu għar-radikalizzazzjoni vjolenti.
6. Il-ġenituri, l-aħwa, il-ħbieb u atturi rilevanti oħra⁽³⁾ huma kruċjali fl-appoġġ għal żvilupp pożittiv ta' identità. Dan jista' jinkludi s-sensibilizzazzjoni interkulturali u r-rispett lejn l-oħrajn, il-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà, iżda wkoll aspetti ta' spiritwalità, reliġjon jew twemmin, u jinvolvi t-tisħiħ tas-sens ta' appartenenza meħtieġ biex b'hekk l-informazzjoni u l-ideat estremisti li ż-żgħażaġħ jistgħu jkunu esposti għalihom jiġu kkuntrastati.

⁽¹⁾ Ewrobarometru Speċjali 437 (2015) Id-diskriminazzjoni fl-UE fl-2015.

Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (2012): Nagħmlu viżibbli r-reati ta' mibegħda fl-Unjoni Ewropea (traduzzjoni mhux uffiċjali).

⁽²⁾ Ir-radikalizzazzjoni vjolenti hija kwistjoni kumplessa li ma ġietx definita b'mod uniformi. F'dan il-kuntest ir-radikalizzazzjoni vjolenti tirreferi għal proċess li bih persuna taċċetta l-użu tal-vjolenza biex jintlaħqu għanijiet politiċi, ideoloġiċi jew reliġiużi, inklużi l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu. Ta' min wieħed jinnota li r-radikalizzazzjoni mhux bilfors twassal għal estremiżmu vjolenti jew terroriżmu u espressjonijiet radikali ma għandhomx għalfejn ikunu problematiċi minnhom infushom.

⁽³⁾ Bħal pereżempju għalliema, persunal edukattiv fl-universitajiet, haċċiem soċjali, persuni li jaħdmu maż-żgħażaġħ, fornituri tal-kura tas-saħħa, voluntiera, ġirien, kowċis tal-isport, mexxejja reliġjużi u informali, uffiċjali tal-pulizija lokali.

7. Iż-żgħażaġh għandhom ikunu mħeġġa jimpjenjaw ruħhom fl-awtoriflessjoni, jiżviluppaw l-empatija, jitgħallmu jaħsbu b'mod kritiku, kif jgħixu bl-isfidi u l-inċertezzi u kif jitrattaw sitwazzjonijiet u emozzjonijiet li jikkawżawlihom dwejjaq, biex b'hekk isiru aktar reżiljenti, u jżomm relazzjonijiet kostruttivi fil-gruppi soċjali.
8. Iż-żgħażaġh irid ikollhom l-għarfien u l-fehim tad-demokrazija, l-ugwaljanza, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, id-drittijiet tal-bniedem, il-pluraliżmu u d-diversità, u jkollhom kapaciżtiet ta' litteriżmu fil-media u l-informazzjoni. Dan jikkontribwixxi għal ħsieb kritiku, sensibilizzazzjoni u għarfien dwar kif l-informazzjoni tista' tkun preġudikata u sfruttata minn gruppi estremisti vjolenti sabiex ixerrdu l-propaganda.
9. Miżuri mmirati lejn il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni vjolenti m'għandhomx iwasslu għall-istigmatizzazzjoni, jew id-diskriminazzjoni jew il-ksenofobija kontra gruppi ta' żgħażaġh.

JISSOTTOLINJAW LI:

10. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh hija servizz, metodu u għodda aċċessibbli u ta' kuntatt immirata lejn l-iżvilupp pożittiv ta' identità għaż-żgħażaġh kollha, li tipprovi ambjent mhux formali u informali għall-iżvilupp ta' valuri, ħiliet, kompetenzi, talenti u attitudnijiet miftuħa, li jippermettulhom ukoll li jirrikonoxxu u jimmaniġġaw ir-riskji li probabbilment ser jiltaqgħu magħhom, inkluż ir-radikalizzazzjoni vjolenti.
11. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh tuża approċċ wiesa' u olistiku, li jinvolvi liż-żgħażaġh b'mod attiv u jaħdem flimkien ma' individwi u gruppi ta' żgħażaġh biex isibu soluzzjonijiet għal kwistjonijiet u problemi tagħhom. B'dan il-mod il-ħidma fost iż-żgħażaġh toffri ambjent sigur biex jiżviluppaw, jibnu identità, iħossu sens ta' appartenenza u jkunu esposti għal influwenzi pożittivi bejn il-ħbieb, u jkunu jistgħu jevitaw pressjoni negattiva mill-ħbieb li twassal għar-radikalizzazzjoni vjolenti.
12. Is-settur taż-żgħażaġh, f'kooperazzjoni mas-settur edukattiv u setturi u atturi rilevanti oħrajn, jistgħu jaqdu rwol kruċjali f'approċċ integrat u transsettorjali fl-indirizzar tar-radikalizzazzjoni vjolenti, b'mod partikolari fl-istadji bikrin tagħha, billi jappoġġaw liż-żgħażaġh fl-iżvilupp u l-azzjonijiet tagħhom, billi jippromwovu l-prinċipji demokratiċi u pluralistiċi, l-inklużjoni u ċ-ċittadinanza attiva u billi jindirizzaw fatturi negattivi bħad-diskriminazzjoni u n-nuqqas ta' prospettivi li jinfluwenzaw ħajjet iż-żgħażaġh.

FILWAQT LI JISĦQU LI:

13. L-elementi differenti involuti, il-kumplessità tar-radikalizzazzjoni vjolenti u l-impatt kbir tagħha fuq is-soċjetà jeh-tiegu approċċ integrat u transsettorjali fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u dak Ewropew. Dan l-approċċ jinvolvi diversi setturi u atturi inkluża l-ħidma fost iż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet immexxija miż-żgħażaġh u l-edukazzjoni.
14. F'approċċ integrat u transsettorjali, il-politiki għaż-żgħażaġh u l-ħidma fost iż-żgħażaġh, b'attenzjoni fuq ambjent sigur u inklussiv, fuq tagħlim informali u mhux formali kif ukoll il-prevenzjoni, għandhom jiġu addattati għall-politiki, l-għodod u l-attivitatijiet ta' setturi rilevanti oħra bħas-sinjalar bikri, l-intervent effettiv u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni vjolenti. B'dan il-mod, jista' jinkiseb approċċ koerenti, strutturat, reċiprokament infurmat u appoġġat għaż-żgħażaġh, il-ħbieb, il-familji u n-netwerks soċjali tagħhom.
15. Tali approċċ għandu jfisser li jiġu użati strateġiji differenti skont il-livell ta' radikalizzazzjoni: minn strateġiji ta' prevenzjoni ġenerika⁽¹⁾ fl-istadji bikrija tar-radikalizzazzjoni għal approċċ aktar immirat li jkun dirett lejn gruppi jew individwi speċifiċi meta fil-fatt isseħħ ir-radikalizzazzjoni vjolenti. Dan jikkomplementa r-rwol ċentrali tal-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh bħala parti minn sforz transsettorjali fl-għajnuna li tingħata liż-żgħażaġh biex isibu triqthom fis-soċjetà u fil-protezzjoni taż-żgħażaġh mill-perikli tal-estremiżmu vjolenti.

GĦALDAQSTANT JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, B'KONSIDERAZZJONI TAL-PRINĊIPJU TA' SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

16. Jaħdmu fuq approċċ integrat u transsettorjali fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex jilhqqu liż-żgħażaġh kollha li huma friskju ta' radikalizzazzjoni vjolenti billi:
 - a) jippromwovu kooperazzjoni effettiva u addattata sew bejn is-settur taż-żgħażaġh, is-settur tal-edukazzjoni u setturi rilevanti oħrajn u jiżviluppaw għodod u miżuri komuni u l-iskambju ta' Prattiki tajba⁽²⁾ biex jitrattaw każijiet ta' radikalizzazzjoni vjolenti;

⁽¹⁾ Strateġiji ta' prevenzjoni ġenerika huma mfassla biex jilhqqu l-popolazzjoni kollha, mingħajr konsiderazzjoni tal-fatturi ta' riskju individwali. Dawn jistgħu jkunu mmirati lejn pereżempju iż-żgħażaġh kollha fi ħdan grupp ta' età partikolari. L-għan huwa li jiġi żgurat ċertu livell bażiku ta' reżiljenza fost iż-żgħażaġh.

⁽²⁾ Pereżempju RAN good practice database, Youth WIKI tool, EKYP good practice database.

- b) jesploraw u jippromovu r-rwol li jista' jkollha l-ħidma fost iż-żgħażaġh bħala sieħeb f'koalizzjonijiet u netwerks fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali biex jiffurmaw bażi soda ta' appoġġ għall-iżvilupp taż-żgħażaġh, inkluż ir-reżiljenza tagħhom u t-tiżiħ ta' fatturi protettivi.

17. Fejn rilevanti jirrikonoxxu u jsaħħu s-settur taż-żgħażaġh:

- a) fir-rwol tiegħu li jappoġġa liż-żgħażaġh biex isibu triqthom lejn l-età adulta u post fis-soċjetà u jinħoloq ambjent sigur u inklussiv għaż-żgħażaġh biex jiżviluppaw l-identità tagħhom, filwaqt li jqis, meta jkun rilevanti, l-iżvilupp ta' identitajiet spiritwali jew kulturali u reliġjużi;
- b) fir-rwol tiegħu fil-promozzjoni tal-valuri demokratiċi u ċittadinanza attiva permezz ta' forum differenti ta' Prattika ta' ħidma fost iż-żgħażaġh fil-promozzjoni tar-rispett għad-diversità kulturali permezz ta' djalogo interkulturali, interreliġjuż u interġenerazzjonali u fl-isfida ta' kull forma ta' diskriminazzjoni;
- c) fl-involvement tiegħu lejn individwi u gruppi ta' żgħażaġh friskju ta' radikalizzazzjoni vjolenti u esklużjoni mis-soċjetà, u l-appoġġ u l-involvement taż-żgħażaġh f'attivitajiet bejn il-pari;
- d) fil-komunikazzjoni maż-żgħażaġh biex ixekklu u jisfidaw l-ideoloġiji estremisti vjolenti eżistenti u biex jikkontrastawhom b'alternattivi attraenti li mhumiex vjolenti permezz tal-Internet u l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali⁽¹⁾;
- e) fil-promozzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh u jwessgħu l-kompetenzi interkulturali tagħhom b'tali mod li l-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh ikunu jistgħu jagħrfu kwistjonijiet relatati mar-radikalizzazzjoni vjolenti, kif ukoll ikunu kapaċi jidentifikaw u jikkontrastaw propaganda, retorika u komportament li jistgħu jkunu marbuta mar-radikalizzazzjoni vjolenti;
- f) fl-appoġġ liż-żgħażaġh fit-tiżiħ tal-litteriżmu tal-media u tal-informazzjoni u tal-ħsieb kritiku bl-użu ta' approċċ transsettorjali, pereżempju, billi s-settur tal-ħidma maż-żgħażaġh jaħdem flimkien mal-iskejjel jew ċentri lokali, li jista' jgħin biex jipprevjeni r-reklutaġġ ta' dawn iż-żgħażaġh għal attivitajiet vjolenti permezz ta' influwenza mill-ħbieb u permezz tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali;
- g) fil-promozzjoni tal-involvement tas-soċjetà ċivili;
- h) fil-kapaċità tiegħu li jwettaq ir-rwol tiegħu billi jtejjeb is-sensibilizzazzjoni, l-għarfien u l-għodod aġġornati, kif ukoll kooperazzjoni tajba ma' setturi u persuni rilevanti li twassal għal sitwazzjoni fejn ir-radikalizzazzjoni vjolenti fost iż-żgħażaġh tkun rikonoxxuta u prevenuta fi stadju bikri;
- i) fl-inkoraġġiment u l-appoġġ liż-żgħażaġh sabiex jieħdu sehem fil-volontarjat, billi dan jista' jkollu rwol importanti fl-iżvilupp ta' identità pożittiva, jista' jippromwovi l-empatija u l-ħsieb responsabbli.

18. Jippreservaw miżuri u Prattiki sostenibbli eżistenti li wrew li huma ta' suċċess u jimplementaw miżuri u Prattiki sostenibbli u innovattivi, fejn xieraq, imfassla apposta għaż-żgħażaġh, f'azzjoni lokali, parteċipazzjoni demokratika, taġħlim u djalogo interkulturali, ċittadinanza attiva, u edukazzjoni pożittiva bejn il-pari.

GĦALDAQSTANT JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FIL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĤHOM, BIEX:

19. Iżidu l-kooperazzjoni fil-livell Ewropew għall-kondiviżjoni tal-għarfien u l-Prattiki billi jaħdmu flimkien fil-kuntest tal-UE, inkluż fil-Grupp ta' Esperti dwar iċ-Ċittadinanza Attiva, il-Prevenzjoni tal-Emerġinazzjoni u r-Radikalizzazzjoni Vjolenti, il-Grupp ta' Esperti dwar id-Diġitalizzazzjoni u n-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni, u mal-pajjiżi terzi rilevanti u l-Kunsill tal-Ewropa⁽²⁾ biex jiġu skambjati l-għarfien u l-aħjar Prattiki dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni vjolenti, inkluż l-użu tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, il-kontronarrattivi⁽³⁾ u l-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh.
20. Jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar Prattiki u jiżviluppaw linji gwida, fejn xieraq, dwar kif jiġu stabbiliti koalizzjonijiet jew netwerks għal approċċ integrat u transsettorjali, jitgħallmu kif jikkooperaw b'mod effettiv, addattat sew u koeżiv, filwaqt li jqisu l-kuntest kulturali varjat tal-UE.

⁽¹⁾ Xi eżempji huma: il-Kampanja Le għad-Diskors ta' Mibegħda (traduzzjoni mhux uffiċjali), Informazzjoni għaż-Żgħażaġħ (traduzzjoni mhux uffiċjali), u Eyca u Eryca

⁽²⁾ Pereżempju, fil-qafas tal-Moviment Le għad-Diskors ta' Mibegħda (traduzzjoni mhux uffiċjali).

⁽³⁾ Il-kontronarrattivi huma attivitajiet ta' komunikazzjoni li direttament jew indirettament jisfidaw in-narrattivi estremisti online jew offline, inklużi l-kontrorfatti, fuq bażi aktar fattwali.

21. Irawmu l-iżvilupp ta' djalogu u ta' kontronarrattivi effettivi biex jappoġġjaw lill-ġenituri, lill-aħwa, lill-ħbieb u oħrajn li jkunu f'kuntatt ma' żgħażaġh li huma f'riskju ta' radikalizzazzjoni vjolenti, u l-provvista ta' informazzjoni dwar sistemi eżistenti ta' appoġġ u possibbiltajiet ta' konsulenza.
22. Fejn xieraq, jiżviluppaw taħriġ u moduli edukattivi għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh bħala bażi għal materjal edukattiv li għandu jintuża flivelli nazzjonali, reġjonali u lokali bl-għan li jiġi żgurat li l-ħidma fost iż-żgħażaġh tikseb biżżejjed għarfien aġġornat, sensibilizzazzjoni, għodod u ħiliet dwar:
 - a) il-fenomeni ta' kull tip ta' radikalizzazzjoni vjolenti, il-fehim tas-subkulturi, kif ukoll il-metodi speċifiċi ta' intervent għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni vjolenti fi stadju bikri;
 - b) il-fatturi kawżali li jwasslu għar-radikalizzazzjoni vjolenti;
 - c) id-dinja diġitali inkluż l-Internet u l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali;
 - d) il-għieda kontra l-influenzi estremisti fuq l-Internet u l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali u l-isfida tal-opinjoni-jiet estremisti vjolenti;
 - e) l-appoġġ liż-żgħażaġh biex jiżviluppaw ħsieb kritiku u l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi rilevanti biex jifhmu s-sorsi u l-aġendi differenti wara l-informazzjoni pprovduta, inkluż il-propaganda u d-diskors ta' mibegħda;
 - f) l-appoġġ ta' żgħażaġh biex jgħinu lil żgħażaġh oħrajn jevitaw ir-radikalizzazzjoni vjolenti billi joffru influwenzi pożittivi bejn il-ħbieb;
 - g) il-ħidma flimkien fi sħubijiet transsettorjali;
 - h) l-appoġġ għall-iżvilupp tal-identità taż-żgħażaġh, il-kompetenzi interkulturali u l-fehim tal-valuri demokratiċi u pluralistiċi u ċ-ċittadinanza attiva.
23. Jippromwov u jappoġġaw seminars ta' bejn il-pari għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, l-esperti, dawk li jfasslu l-politika u r-riċerkaturi, sabiex ikun hemm skambju tal-aħjar Prattiki u informazzjoni dwar kif l-aħjar li tiġi indirizzata l-kwistjoni tar-radikalizzazzjoni vjolenti.
24. Jippromwov u jagħtu bidu, jikkoordinaw, jappoġġaw u jagħmlu disponibbli r-riżultati ta' riċerka ulterjuri dwar ir-radikalizzazzjoni vjolenti maħsuba biex ittejjeb l-għarfien dwar kwistjonijiet bħall-iskop, l-orijini, il-fatturi protettivi, il-kawżi u d-dinamika konjittiva kif ukoll dik emozzjonali tar-radikalizzazzjoni vjolenti, sabiex l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea jkunu jistgħu jiżviluppaw politiki u Prattiki bbażati fuq l-evidenza.

GĦALDAQSTANT JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

25. Tiżgura l-aħjar tqassim tar-riżultati tal-Grupp ta' Esperti għaċ-Ċittadinanza Attiva, il-Prevenzjoni tal-Emarġinazzjoni u r-Radikalizzazzjoni vjolenti, li joffru gwida utilizzabbli għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, l-organizzazzjoni-jiet u l-professionisti tal-ħidma soċjali f'kuntast ta' kooperazzjoni integrata dwar kif wieħed jista' jilħaq u jaħdem maż-żgħażaġh fir-riskju ta' radikalizzazzjoni vjolenti
26. Tikkunsidra kif programmi eżistenti tal-UE bħal Erasmus+, Ewropa Kreattiva u l-programm "L-Ewropa għaċ-ċittadini" jistgħu jintużaw l-aħjar biex jippromwov l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh bi sfond differenti, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tiżgura kapaċità msaħħa ta' ħidma fost iż-żgħażaġh, kooperazzjoni fis-setturi tal-edukazzjoni u setturi rilevanti oħra dwar dan is-suġġett kif ukoll t-tisħiħ taż-żgħażaġh stess.

ANNEX

Fl-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill IFAKKAR b'mod partikolari f'dan li ġej:

1. Il-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Frar 2015 fejn il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern appella għal approċċ komprensiv, li jinkludi inizzjattivi rigward l-integrazzjoni soċjali, fost l-oħrajn, li huma ta' importanza kbira biex tiġi evitata r-radikalizzazzjoni vjolenti.
2. Id-Dikjarazzjoni adottata mill-Ministri għall-Edukazzjoni tal-UE waqt il-laqgħa informali tagħhom f'Pariġi tas-17 ta' Marzu 2015 li fiha huma jipprovdu gwida dwar kif wieħed għandu jikkoopera fil-livell Ewropew. L-importanza tal-isforzi għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-emarġinazzjoni, l-intolleranza, ir-razziżmu u r-radikalizzazzjoni, u sabiex tiġi promossa ċ-ċittadinanza taż-żgħażaġh u jiġi ppreservat qafas ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd, ġew enfasizzati.
3. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda tas-17 ta' Ġunju 2015, li jagħtu prijorità lil kwistjonijiet speċifiċi ta' diżimpenn, riabilitazzjoni u deradikalizzazzjoni/antiradikalizzazzjoni bħala prijorità għal azzjoni fis-snin li ġejjin.
4. Il-Pjan ta' Ħidma attwali tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2016–2018 li jiffoka fuq iżjed inklużjoni soċjali għaż-żgħażaġh KOLLHA, b'kont meħud tal-valuri sottostanti Ewropej, u r-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażaġh kemm fid-dinja mhux diġitali kif ukoll fid-dinja diġitali.
5. Ir-Rapport Konġunt tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar "l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (2010-2018)" li sottomlinja li ż-żgħażaġh għandhom ikunu kapaċi jikbru f'komunitajiet inklussivi u pluralisti bbażati fuq il-valuri demokratiċi Ewropej. Ir-Rapport Konġunt tal-UE dwar iż-żgħażaġh juri wkoll il-ħtieġa li tingħata aktar setgħa liż-żgħażaġh differenti, speċjalment dawk li qegħdin fir-riskju tal-esklużjoni.
6. Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa fi ħdan il-Ftehim ta' Sħubija.
7. L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, bid-data tat-28 ta' April 2015, li fiha l-Kummissjoni tikkunsidra l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh bħala fattur ewlieni fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni billi jiġu promossi l-valuri Ewropej u titrawwem l-inklużjoni soċjali, filwaqt li tisemma wkoll in-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (RAN), li tiġbor l-UE kollha u li tippermetti l-iskambju ta' esperjenzi u prattiki li jiffaċilitaw l-individwazzjoni bikrija tar-radikalizzazzjoni u t-fassil ta' strateġiji preventivi u ta' diżimpenn fil-livell lokali.
8. Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2015 dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi.
9. Ir-Riżoluzzjoni 2250 (2015) adottata mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fis-7573 laqgħa tiegħu, fid-9 ta' Diċembru 2015 li tinnota r-rwol importanti ulterjuri li jista' jkollhom iż-żgħażaġh bħala eżempji pożittivi fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti
10. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kumitat tal-Ministri (Brussell, 19 ta' Mejju 2015), CM(2015)74 finali, dwar il-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni li jwasslu għat-terroriżmu, u bil-Pjan ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Prevenzjoni tal-Estremiżmu Vjolenti.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT